Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX)
# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)
# (SEZZJONI GENERALI)

**MAGISTRAT DR.**
**PAUL COPPINI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 120/2008

**Jude Taddeo sive Teddy Rapa**

**vs**

**Frank Rapa kemm f'ismhu proprju kif ukoll bħala direttur ta'**
**Rapa Brothers Company Limited, Joseph Vella (Ginger) Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tieghu l-attur, wara li ppremetta :

Illi huwa offra fil-bejgħ bis-subbasta li sar taħt l-awtorita ta' dina l-Qorti u ġew liberati favur tiegħu l-vetturi indikati fil-


Qrati tal-Gustizzja

mandat ta' Sewkestru 189/2008 AE fl-ismijiet "Jude Taddeo sive Teddy Rapa vs Frank Rapa";

Illi dawn l-vetturi, fil-mument li saru l-bejgħ bis-subbasta kienu fil-pussess tal-intimat Frank Rapa, peress li l-kreditur esekutanti baqa' ma talabx li dawn l-oġġetti, flimkien mal-oġġetti l-oħra fil-bejgħ bis-subbasta jittieħdu minn konsenjatarju u jitpoġġew għall-wiri kif inhu provdut mil-liġi fil-każ ta' bejgħ bis-subbasta ta' oġġetti mobbli;

Illi wara li l-esponenti ddeposita debitament il-prezz tal-oġġetti liberati favut tiegħu u staqsa lir-Reġistratur al-Qorti fejn huma dawn l-oġġetti sabiex huwa jkun jista' jieħu pussess tagħhom;

Illi r-Reġistratur tal-Qorti ċempel lill-imsemmi Frank Rapa u staqsieh, fil-presenza tal-esponenti fejn qegħdin dawn il-vetturi, u l-esponenti ġie infurmat li dawn qegħdin f'għalqa fejn il-Heliport limiti ta' Għajnsielem. L-esponenti mar fil-post indikat u sab vettura waħda biss (High Up Leyland bil-Crane bin-numru tar-reġistrazzjoni EAX – 418) li kien fih xi affarijiet neqsin u ċieo' il-pastiega (tarjola) u l-fanali;

Illi l-esponenti nforma lir-Reġistratur tal-Qorti li vettura waħda biss kien hemm u nfurmah ukoll bl-istat li fih sabha. Konsegwenza ta' dan ġie ntavolat ir-rikors tal-5 ta' Novembru 2008 fejn l-esponenti talab li dina l-Qorti tieħu passi nkluż dak li jiġi nfurmat il-kummissarju tal-pulizija sabiex jittieħdu passi kriminali kontra Frank Rapa;

Illi sussegwentement l-esponenti ġie nfurmat mir-Reġistratur li l-vettura l-oħra (EBA – 787) kien ser tiġi konsenjata l-Ġimgħa 7 ta' Novembru 2008. L-esponenti staqsa għaliex ma kelliex tiġi konsenjata lilhu dak il-ħin, darba li huwa kien ħallas il-flus, u esprima l-opinjoni li dan kien ifisser li Frank Rapa, li f'idejh kienet il-vettura, kien sejjer iżarma xi affarijiet essenzjali minnha;

Illi infatti meta l-Ġimgħa 7 ta' Novembru 2008, l-esponenti mar akkompanjat mill-uffiċċjali tal-Qorti Mario Muscat (sic) sabiex jirtira din il-vettura mill-post indikat lilhu (l-istess post fejn kienet tħalliet il-vettura l-oħra, sab il-mekkaniżmu

tal-high up kollhu kemm hi kien nieqes). Dan jagħmel il-vettura li għaliha l-esponenti ddeposita l-flus il-Qorti mhix tajba aktar għall-użu li għaliha ġiet manifatturata u destinata;

Illi fiċ-ċirkostanzi l-esponenti ma kien fadallu ebda triq oħra ħlief li jagħmel il-mandat ta’ sekwestru fuq imsemmi sabiex jissalvagwardja d-drittijiet tiegħu sakemm jiġir reintegrat inkella tiġi risoluta l-kwistjoni.

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandiex din il-Qorti:

1. Tordna lill-intimat Frank Rapa fil-kwalita tiegħu premessa jirritorna lill-attur l-partijiet nieqsa fil-vetturi minnhu mixtrija bis-subbasta fuq imsemmija u ċioe’ għal dak li jirrigwarda l-vettura EBA 418 il-pastiga (tarjola tal-crane) u għal dak li jirrigwara l-vettura, Truck Leyland Octopus numru EBA 787 l-apparat Hiab komplut bl-aċċessorju.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-mandat ta’ sekwestru numru 189/2008 AE.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tas-soċjeta’ konvenuta Joseph Vella (Ginger) Limited, li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi fl-ewwel lok hija m’hijiex leġittima kontradittriċi f’din il-kawża in kwantu (i) il-bejgħ bl-irkant mertu ta’ din il-kawża sar bejn il-konvenuti l-oħra jew min minnhom, qua vendituri, u l-attur, qua kompratur. U għaldaqstant, dak li seħħ fin-negozju ta’ bejniethom m’huwiex responsabilita’ ta’ l-esponenti, kif ukoll (ii) peress li fit-talba magħmula f’din il-kawża, ma saret l-ebda talba fil-konfront ta’ l-esponenti u għalhekk hija ma tista’ tiġi kundannata xejn f’din il-kawża. Konsegwentement, kemm jekk tiġi milqugħa kif ukoll jekk tiġi miċħuda t-talba attriċi, l-ebda spejjeż relattivi m’għandhom jiġu sopportati mill-esponenti;

2. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-premess, hija tikkontesta l-allegazzjoni magħmula fit-tieni premessa ta’ din il-kawża fejn ingħad li huwa d-dover tal-kreditur

esekutanti li jitlob l-oġġetti mertu ta' bejgħ bl-irkant jitpoġġew għall-wiri;

3. Illi fit-tielet lok, u mingħajr preġudizzju għall-premess wkoll, li l-esponenti m'għandha assolutament l-ebda diffikulta' biex tiġi milqugħa t-talbiet attriċi u għaldaqstant f'dan ir-rigward tirrimetti ruħha għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Frank Rapa proprio, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi in linea preliminari jingħad li l-azzjoni hija formalment nulla u kwindi t-talbiet hemm dedotti għandhom jiġu respinti in vista tal-fatt li mkien ma tinsab indikata l-karta ta' l-identita ta' l-attur;

2. Illi fit-tieni l-k u mingħajr preġudizzju għal premess, l-azzjoni kif proposta hijawkoll nulla u bla effett għal fejn tirrigwarda t-talba fil-konfront ta' Frank Rapa bħala direttur tas-soċjeta' konventua Rapa Brothers Company Limited u dana peress illi fl-ewwel lok l-attur innifsu huwa wkoll direttur tal-istess kumpanija u peress illi r-rppreżentanza ġuridika tinkombi fuq żewġ diretturi, l-istess soċjeta' kellha titħarrek tramiet kuraturi deputati u fit-tieni lok għar-raġuni wkoll il bis-saħħa ta' sentenza mogħtija minn din l-istess Qorti, din is-soċjeta' kienet ġiet dikjarata xolta tant illi tqabbad stralcjarju mill-istess Qorti sabiex jieħu ħsieb ix-xoljiment u kwindi r-rappreżentanza ta' l-istess;

3. Illi fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għal premess jingħad inoltre li l-azzjoni kif intavolata hija nulla u bla effett in vista tal-fatt illi għalkemm is-soċjeta' Joseph Vella (Ginger) Limtied ġiet imħarka bħala konavenuta, jidher li ma ġew imressqa ebda talbiet fil-konfront ta' l-istess soċjeta';

4. Illi fil-meritu jingħad li l-esponent Frank Rapa di proprio ma jistax jiġi meqjus bħala l-leġittimu kontradittur

f'dawn il-proċeduri u kwindi għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

5. Illi difatti in sostenn tar-risposta mogħtija fil-paragrafu ta' qabel dan, jingħad li l-istess Frank Rapa di propio kien ġie liberat u ma nstabx responsabbli fil-kawża istitwita mill-konvenut Joseph Vella (Ginger) Limited, liema kawża sarfet fit-titolu esekuttiv li tat il-bidu għal proċeduri tas-subbasta meritu ta' dawn il-proċeduri;

6. Illi jingħad inoltre li l-vetturi in kwistjoni qatt ma kienu fil-pussess ta' l-istess eċċippjent Frank Rapa. Difatti l-istess oġġetti l-ewwel kienu f'idjen konsenjatarju u in segwitu fi proprjeta' ta' missier l-istess attur;

7. Illi l-eċċipjent ma għandu ebda kontroll fuq dak li seta talab jew ma talabx il-krediutr esekutant fil-proċess tas-subbasta u kwindi ma jaħti xejn għal tali allegtat nuqqas pero fi kwalunkwe każ jingħad inoltre li l-istess oġġetti kienu jinsabu fil-proprejta' ta' missier l-istess attur u kwindi dan ta' l-aħħar seta faċilment jivveriifika fuq l-oġġetti li kien beħsiebu joffri għalihom qabel id-data tas-subbasta;

8. Illi l-eċċipjent ma jista' jaħti xejn għall-fatt li l-attur naqas li jivverifika fuq hiex kien sejjer jitfa l-offerti tiegħu. In-nuqqas tiegħu ma jistax issa jitfgħu fuq ħaddieħor;

9. Illi jingħad inoltre li t-talba tal-attur kif dedotta hija nsostenibbli legalment peress fil-proċedura ta' subbasta ta' mobbli wieħed jixtri tali oġġetti fl-istat attwali li jkunu fih fil-mument tas-subbasta u kwindi l-offerent ma jistax in segwitu għall-istess liberazzjoni jilmenta dwar l-istat ta' l-istess kif jaslu għandu;

10. Illi l-fatti kontenuti fir-risposti hawn fuq magħmula huma magħrufa mid-dikjarant;

11. B'riserva li jiġu preżentati risposti ulterjuri jekk ikun il-każ;

Bl-ispejjeż kontra l-attur minn issa nġunt biex jidher għas-subizzjoni.

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Ġunju 2013 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti u verbali tax-xhieda mismugħa.

Ikkunsidrat:
Illi permezz ta' din il-kawża l-attur, li kien xtara ż-żewġ vetturi ndikati fir-Rikors ġuramentat, f'subbasta li kienet saret fuq talba tas-soċjeta' konvenuta  Joseph Vella (Ginger) Limited fit-3 ta' Novembru 2008, qed jitlob li l-konvenut l-ieħor proprio et nomine jirritornalu xi *parts* li allegatament tneħħew minn fuqhom wara li saret l-istess subbasta u dan qabel ma nġabru minnu. Huwa jgħid li l-vettura EAZ 418 naqsilha l-pastiga (tarjola tal-*crane*) u l-vettura EBA 787 l-apparat tal-Hiab (*crane*) komplut bl-aċċessorji tiegħu.

Jiġi nnotat mill-ewwel li m'hemm l-ebda talba fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta 'Joseph Vella (Ginger) Limited', u nfatti din is-soċjeta' qed teċċepixxi preliminarjament li m'hijiex leġittima kontraditriċi. L-unika relazzjoni li jista' jingħad li kien hemm bejn din is-soċjeta' u l-attur, kienet li dan xtara ż-żewġ vetturi in kwistjoni fis-subbasta mitluba minnha. Ma kien hemm l-ebda allegazzjoni li din b'xi mod setgħet kienet involuta fit-teħid tal-*parts* neqsin fil-vetturi mixtrija mill-attur. Hemm lok għalhekk għal-liberazzjoni tagħha *ab observantia*.

L-istess jista' jingħad fir-rigward tas-soċjeta' 'Rapa Brothers Company Limited'. La fil-premessi tal-kawża u wisq inqas fil-kors tal-ġbir tal-provi ma ntqal li l-konvenut Frank Rapa żarma il-*parts* in kwistjoni fil-kwalita' tiegħu ta' direttur ta' din il-kumpanija, jew fl-interessi tagħha. Barra minn hekk ma ġiex miċħud dak li sostna l-istess konvenut fir-Risposta ġuramnetata tiegħu, li hu ma kienx l-unika direttur ta' din il-kumpanija, u li din kienet tinsab fi stadju

ta' stralċ meta ġiet intavolata din il-kawża, bil-konsegwenza li r-rapprezentanza tagħha kienet tispetta lill-istralċjarju u mhux iżjed lid-diretturi. Hija ġustifikata għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenut dwar in-nullita' tal-kawża safejn hija ndirizzata lil din il-kumpanija.

Jibqa' biss sabiex jiġu ttrattati t-talbiet sa fejn jolqtu lill-konvenut Frank Rapa proprio. Permezz ta' l-ewwel eċċezzjoni tiegħu, dan il-konvenut jeċċepixxi n-nullita' minħabba li ma tniżżilx in-numru tal-karta tal-identita' tal-attur. Imma l-istess konvenut ma jidher li sofra l-ebda preġudizzju b'dan in-nuqqas, u żgur li kien kapaċi jidentifika l-attur bħala l-istess ħuh li kien xtara l-vetturi in kwistjoni mis-subbasta msemmija.

Bir-raba eċċezzjoni tiegħu, abbinata mal-ħames waħda, Frank Rapa jeċċepixxi wkoll li mhux il-leġittimu kontradittur tal-attur billi fil-kawża li wasslet għat-titolu eżekuttiv li ta bidu għas-subbasta, huwa kien ġie liberat. Fil-kawża presenti pero' Frank Rapa ma ġiex imħarrek minħabba l-kreditu li kellha s-soċjeta' Joseph Vella (Ginger) Limited kontra s-soċjeta' Rapa Brothers Company Limited, imma għax qed jiġi allegat li dan qala' l-*parts* imsemmija minn fuq it-trakkijiet in subbasta, wara li sar il-bejgħ u qabel ma ġew konsenjati lill-attur.

Bis-sitt eċċezzjoni tiegħu Frank Rapa jgħid li dawn il-vetturi qatt ma kienu fil-pussess tiegħu. Ġie konfermat mill-Marixxall Mario Portelli li assista lill-attur sabiex jinġabru l-vetturi mixtrija minnu wara s-subbasta, li wieħed mit-trakkijiet u ċioe' dak bin-numru tar-reġistrazzjoni EAZ 418 kien jinsab ġewwa għalqa fil-limiti tax-Xewkija, ħdejn il-Heliport, meta mar fuq il-post mal-attur fil-5 ta' Novembru 2008 u "…*kien għadu kif tpoġġa hemmhekk għax il-ħaxix kien għadu jidher li għadda minn fuqu u kien mgħaffeġ*…". L-ieħor, bin-numru tar-reġistrazzjoni EBA 787 kien qiegħed ma' ġenb iċ-ċimitejru ta' Għajnsielem meta marru biex jiġbruh jumejn wara. Ġie wkoll innotat li l-*parts* li l-attur qed jgħid li naqsu minn fuq dawn il-vetturi ma kienux hemm.[1] L-attur, da parti tiegħu, qed isostni li

[1] Ara deposizzjoni ta' Mario Portelli a fol. 44 - 47 tal-process

dakinhar stess li saret is-subbasta ra t-trakk EAZ 418 jitħaddem fil-*farm* ta' ċertu Ganni Cauchi f'Sannat, u l-pastiga kienet għadha mwaħħla, mentri t-trakk l-ieħor ftit jiem qabel is-subbasta kien fil-*garage* ta' Frank Rapa f'Għajnsielem, u dan ma riedx jikkonsenjah minnufih għax qal li ried ftit taż-żmien biex ineħħi xi affarijiet personali tiegħu minn fuqu.[2]

Kif tajjeb jindika l-konvenut Frank Rapa fid-disa' eċċezzjoni tiegħu, fi proċeduri ta' subbasta ta' mobbli, wieħed jixtri tali oġġetti fl-istat attwali li jkunu fih fil-mument tas-subbasta, u huwa appuntu għalhekk li l-liġi tesiġi li "*l-marixxall għandu jieħu ħsieb tal-ġarr tal-ħwejjeġ mobbli fil-lok ta' l-irkant fejn, mill-anqas għal sagħtejn qabel ma jinfetaħ l-irkant, ikun jista' jarahom kulħadd*."[3] Fil-każ in eżami pero', kif ikkonferma d-deputat reġistatur Anton Mizzi, fuq struzzjonijiet tal-Qorti stess, il-ħames vetturi li kellhom jinbiegħu dakinhar ma ttellgħux fil-post fejn kellha ssir dik is-subbasta, billi kienet se tiġi ngumbrata l-pjazza tal-Katidral kollha minhabba l-kobor ta' dawk l-inġenji.[4] Jista' għalhekk jiġi argumentat li l-attur ma kellux il-possibilita' jeżamina sew dawn il-vetturi mmedjatament qabel ma saret is-subbasta. Imma kif jista' jiġi osservat mill-verbal tal-istess subbasta, filwaqt illi t-truck EAZ 418 kien ġie deskritt bħala "*High Up Leyland bil-Krane …*", it-truck l-ieħor mixtri mill-attur kien ġie deksritt bħala "*Truck Leyland bin-numru tar-registazjoni EBA 787*" u mkien ma ssemma li din il-vettura kellha wkoll *crane* anness magħha.[5] Allura anke minn din id-deskrizzjoni stess l-attur suppost li kien jaf li dan it-truck ma kellux *crane* imqabbad miegħu. Jekk kien hemm xi żball fid-deskrizzjoni, messu ndikah lir-Reġistatur fiż-żmien opportun u mhux jistenna li jkun xtara l-istess vettura qabel ma beda jilmenta min-nuqqasijiet li sab. Żgur għalhekk illi sa fejn jirrigwarda din il-vettura tal-aħħar l-attur ma jistax jingħata raġun.

Dwar il-pastiga nieqsa minn fuq il-vettua l-oħra, hemm provi konfliġġenti. Dan għaliex filwaqt li l-attur jinsisti li din

---

[2] Ara deposizzjoni ta' Teddy Rapa a fol.58 - 68
[3] Art.317 Kap.12
[4] Ara deposizzjoni ta' Anton Mizzi a fol. 34 - 40
[5] Ara Dok. AM 1 a fol. 48

ġiet maqtugħa mill-konvenut qabel ma mar biex jiġbor l-istess vettura mix-Xewkija, Frank Rapa u ibnu jsostnu li din kienet ilha żmien twil li tneħħiet u sostitwita b'furketta biex jintrefgħu il-*bricks* meta dan it-truck kien għadu jintuża mill-kumpanija Rapa Brothers Company Limited.[6] Il-fatt li l-Marixxall Mario Portelli spjega li kien innota li dan it-truck kellu l-*cable* jidher maqtugħ riċentement,[7] jista' jkun indikattiv li kienet inqatgħet din il-furketta minn mal-*cable* u mhux il-pastiga. Imma l-attur mhux jitlob li tiġi ritornata l-furketta msemmija. F'tali ċirkostanzi, din il-Qorti ma tistax tkun konvinta fil-grad ta' ċertezza meħtieġa mil-liġi, li Frank Rapa tassew qala' din il-pastiga minn fuq it-truck EAZ 418 proprju qabel ma dan ġie konsenjat lill-attur.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta Joseph Vella (Ginger) Limited u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju, u tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut Frank Rapa proprio dwar in-nullita' tal-kawża safejn ġie mħarrek ukoll bħala direttur tal-kumpanija Rapa Brothers Company Limited li tinsab fi stadju ta' stralċ, tilqa' wkoll is-sitta, is-seba', it-tmien u d-disa' eċċezzjonijiet tal-istess konvenut, billi l-allegazzjonjiiet tal-attur ma ġewx ippruvati, u konsegwentement tiċħad it-talba attriċi, bl-ispejjeż kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[6] Ara deposizzjoni ta' Kenneth Rapa a fol.132 – 138, u affidavit ta' Frank Rapa (Dok.FR 1) a fol. 163 - 164
[7] Ara deposizzjoni tieghu a fol. 44 -47